# Anastasju Cuschieri minn Lenti Filosofika-Letterarja

## F'għeluq il-ħamsin sena minn mewtu

**Josette Attard**

### Daħla

Din is-sena jaħbat il-50 anniversarju mill-mewt ta' P. Anastasju Cuschieri. Huwa kien magħruf f'oqsma diversi minħabba li kien kittieb prolifiku. Fost il-manuskritti tiegħu, li jinsabu fil-kunvent tal-Karmelitani fil-Belt Valletta, hemm prietki, noti tal-filosofija, xi studji dwar teoriji filosofiċi u xi noti dwar il-loġika matematika. Ma' dawn nistgħu nżidu għadd ta' manuskritti ta' poeżiji li llum huma ppubblikati. Dawn il-manuskritti huma miktuba bil-Malti jew bit-Taljan. Cuschieri huwa meqjus bħala wieħed mill-filosfi ewlenin Maltin (Montebello 115-8).

Ftit jafu lil Cuschieri bħala dak il-kittieb li ppubblika numru żgħir iżda sinifikanti ta' xogħlijiet ta' xejra estetika letterarja. Iżda r-raġuni ta' dawn il-kitbiet tinftihem aktar meta tqis li kellu ż-żewġ kwalitajiet essenzjali għall-kitba ta'din ix-xorta – il-poeta u l-filosfu – żewġ personalitajiet li flimkien ħolqu bilanċ bejn l-emozzjoni poetika u r-riflessjoni loġika. Barra d-diskors fl-okkażjoni tal-gradwazzjoni li għamel fl-1901, li hu dwar l-oqsma tax-xjenza u tal-arti, kiteb żewġ artikli fuq ir-rivista *Malta Letteraria* fl-1904 u fl-1905. Fl-arkivji tal-kunvent tal-Karmelitani fil-Belt hemm ukoll studju ta' Cuschieri mingħajr data li jittratta l-loġika bħala arti kif ukoll bħala xjenza. Fir-riċerka li għamilt fl-Università Kattolika ta' Milan imbagħad, sibt li barra żewġ riċensjonijiet ta' kotba filosofiċi li ppubblika fl-1913 fir-*Rivista di filosofia neo-scolastica*, hemm ukoll fl-istess rivista l-polemika

li fl-1915 kellu mal-ħassieb-filosfu Taljan, Bernardino Varisco. Cuschieri għandu wkoll żewġ studji oħra fl-istess rivista filosofika bl-isem *A proposito del problema criteriologico* u *Il problema criteriologico o il problema ontologico?* miktuba fl-1913 u fl-1914 rispettivament. Dawn l-istudji huma kollha miktuba bit-Taljan mhux biss għax kiteb f'rivisti Taljani, iżda wkoll għax fi żmien il-kwistjoni tal-lingwa f'Malta, Cuschieri kien wieħed minn dawk il-Maltin li kien favur il-lingwa Taljana, xhieda tal-kultura Latina li kien iħaddan. Kien jikteb b'lenti kritika dwar teoriji stabbiliti u kellu l-kuraġġ juri l-fehma tiegħu wkoll meta ma kienx jaqbel ma' xi ħassieb magħruf. Fil-qosor se nfisser uħud mill-fehmiet tal-Professur Cuschieri dwar xi aspetti estetiċi li nebbħuh biex jikteb l-istudji msemmija hawn fuq.

## Ideat estetiċi letterarji

L-ideat li fisser għandhom diwi Klassiku-Romantiku minħabba l-fatt li kellu rabta kbira ma' universitajiet Taljani li fihom studja u aktar tard għallem ukoll. Jorbot il-funzjoni letterarja mat-tixrid tal-kultura u jsostni li kull xogħol artistiku jagħti kontribut siewi biex il-kultura tissokta tistagħna. Għal din ir-raġuni jqis lill-kittieba bħala saċerdoti b'missjoni qaddisa biex ixerrdu l-kuxjenza ta' kulma hu tajjeb permezz ta' xogħlijiethom (Cuschieri, "Ancora un pò" 36).

Meta kiteb dwar il-proċess tal-ispirazzjoni fil-kittieb, Cuschieri ħareġ bid-distinzjoni bejn il-ġenn mentali u l-ġenn artistiku. Dan l-"impulso interiore" u spontanju jġiegħel lill-ġenju joħloq xbihat mibnija kemm mill-immaġinazzjoni kif ukoll minn dak kollu li hu veru. L-effett ta' dan fuq il-qarrej hu li jqanqallu sentimenti diversi li jwassluh biex iġarrab il-ġmiel (Cuschieri, "Di alcune proprietà 9" 1).

Għall-filosfu Malti, il-ġenju kapaċi jikkonċentra ħafna l-attenzjoni tiegħu u minkejja din l-attività mentali, iqisu bħala bniedem passiv li fuqu taħdem qawwa misterjuża li jħossha utli iżda fl-istess ħin ittellfu l-kontroll tar-rieda tiegħu. Il-ġenn tal-ġenju jingħaraf minn żewġ fatturi: l-ewwel nett mhuwiex ereditarju, iżda fuq kollox għaliex dawk l-individwi b'din il-kwalità juru bilanċ mentali perfett speċjalment fir-riflessjonijiet tagħhom li ma jgħaddux mingħajrhom (Cuschieri, "Di alcune proprietà 9" 3). Min għandu dan it-talent fih, bosta drabi mhuwiex konxju tiegħu minkejja li l-effett jimmanifesta ruħu f'xogħlijietu. Fil-qasam artistiku s-sentiment huwa x-xhieda ta' din il-qawwa. "Il genio ... è soggetto

alla legge della persecuzione" hija stqarrija li tpoġġi lil Cuschieri fid-dawl tar-Romantiċiżmu Ewropew ("Di alcune proprietà 9" 2). Il-ġenju huwa ddestinat li ma jinftihemx mill-massa għax min-natura tiegħu hu jintroduċi ideat ġodda filwaqt li l-poplu minn dejjem kien konservattiv.

Il-ġenju poetiku jiddistingwi ruħu mill-għannej billi, permezz tal-qawwa tal-immaġinazzjoni u s-sentiment, jibdel u jidealizza r-realtà biex b'hekk jitbiegħed minnha u jħalli l-marka speċjali tiegħu f'xogħlu (Cuschieri, "Di alcune proprietà 10", 33). Ir-Romantiċiżmu bidel id-definizzjoni tal-kunċett tas-Sabiħ għax filwaqt li għal sekli sħaħ kien jitqies bħala l-manifestazzjoni ta' kulma hu veru, issa nbidlet din l-idea Klassika u s-Sabiħ sar l-ideal suġġettiv u sentimentali. Huwa hawn fejn jidħol xogħol il-ġenju fil-poeżija (Cuschieri, "Di alcune proprietà 10" 34).

Fid-diskors li għamel fl-okkażjoni tal-gradwazzjoni fl-1901, Cuschieri jwissi lill-istudenti gradwati ġodda biex joqogħdu attenti minn xi ideat moderni li kienu introdotti fl-Ewropa f'dak li għandu x'jaqsam mal-arti. Ma kienx jaqbel li l-arti tinħoloq bi skop fiha nnifisha. Anzi dejjem fittex li l-għan tagħha jkun 'il barra minnha nnifisha. Fil-qasam letterarju kien jemmen li kull kitba letterarja kellha ttejjeb il-qagħda soċjali u b'hekk tkun qiegħda tagħti kontribut utli lill-umanità (Cuschieri, "I pericoli della gioventù" 10).

Fid-dawl ta' dan kollu tinftihem aħjar l-idea tal-arti marbuta ma' għan morali. Fuq kollox Cuschieri hu tal-fehma li l-arti ma jkunx jistħoqqilha dan l-isem jekk ma jkollhiex bħala sisien tagħha s-sentimenti nazzjonali. Dan huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali tar-Romantiċiżmu storiku Taljan. Letteratura difettuża bħal din ma tista' qatt tqarreb lill-poplu lejn il-kunċetti tat-Tajjeb u tal-Veru. "Spogliatela (l-arti) della sua idealità morale diventa fredda e vuota." Jekk jiġrilha hekk tintilef il-qawwa effettiva tal-arti (Cuschieri, "I pericoli della gioventù" 11).

F'dan id-diskors Cuschieri jsib bilanċ bejn l-arti u x-xjenza. Isostni li ż-żewġ oqsma jiddependu minn xulxin għaliex bis-saħħa tal-ġenju l-arti kapaċi xxerred fost il-poplu l-iskoperti xjentifiċi b'tali mod li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-ħajja: "questa è arte vera pura, altamente educatrice, sovranamente benefica" (Cuschieri, "I pericoli della gioventù" 12). Hija tip ta' arti ideali u sublimi li l-effett tagħha hu evidenti fil-poplu jekk l-artisti, b'mod speċjali l-kittieba, jaqsmu mal-bqija tal-poplu s-sentimenti tiegħu. Din l-idea tindika kemm Cuschieri kien Klassiku fi ħsibijietu tant li saħaq ħafna fuq l-aspett edukattiv tal-letteratura waqt li fil-kittieb dejjem fittex li jħalli dan l-effett qaddis fil-qarrejja tiegħu.

## L-Iskolasticiżmu

Aspett ieħor fil-kitbiet estetiċi ta' Cuschieri huwa l-Iskolasticiżmu. Il-manuskritt "Il concetto alla logica" huwa xhieda ċara tal-orjentament Skolastiku li kien iħaddan. Fih jargumenta kif l-arti hija mod ta' għarfien u min jiddistingwi l-għarfien senswali mill-għarfien intellettwali, ikun qiegħed jagħżel bejn l-arti u x-xjenza. Bħalma l-Iskolasticiżmu ta importanza lis-sistema tal-ħsieb u l-metodu kif wieħed jista' jasal għal konklużjonijiet loġiċi, l-istess għamel Cuschieri. "... la definizione dell'arte che si da dalla scolastica non è altro che il concetto della scienza pratica" (Cuschieri, "Il concetto"). Għaldaqstant qies il-loġika bħala arti li filwaqt li tirrappreżenta viżjoni individwali, tħalli effett għall-kuntrarju tax-xjenza.

Il-filosofija Skolastika tqis lill-bniedem bħala unità waħda li fiha jingħaqdu l-intellett bħala forma u l-ġisem bħala materja. Għalhekk il-wieħed ma setax jeżisti mingħajr l-ieħor. Cuschieri applika dan it-twemmin għall-oqsma letterarji u xjentifiċi. Minkejja li l-arti u x-xjenza jeskludu waħda lill-oħra, il-loġika timmanifesta ruħha f'karatteristiċi artistiċi u xjentifiċi skont forom diversi. Il-loġika, imqar jekk hi astratta, tikkontrolla r-raġuni u minnha joħorġu normi li jistgħu jkunu applikati kemm fl-arti kif ukoll fix-xjenza (Cuschieri, "Il concetto").

Fil-bidu tas-seklu għoxrin kien hemm għadd ta' filosfi Taljani li taw il-bidu għal dibattitu mal-filosfu Bernardino Varisco. F'dan id-dibattitu wrew nuqqas ta' qbil mal-fehmiet tal-filosfu Taljan. Fost dawn il-kitbiet hemm waħda tal-Professur Cuschieri wkoll, miktuba f'forma ta' punti bi tweġiba għal studju ta' Varisco nnifsu ("A proposito" 208-14). Il-filosfu Malti li kien isegwi d-duttrina Skolastika, wieġeb għal għadd ta' punti li fihom kien jemmen Varisco, segwaċi tal-filosofija Croċjana – filosofija li f'dak iż-żmien kienet influwenti ħafna. It-tema ewlenija ta' din il-polemika kienet dwar kif il-bniedem seta' jsib soluzzjonijiet għall-problemi filosofiċi billi jibni sistema ta' filosofija li fiha tiġbor l-għarfien (Varisco 69). Iżda Cuschieri ma qabilx ma' dan il-prinċipju minħabba li ma teżisti ebda verità ġdida fil-kontenut tal-għarfien li huwa komuni għal kull individwu u għalhekk sistema kif proposta minn Varisco toħroġ 'il barra minn kull realtà filosofika. Fost oġġezzjonijiet oħra, Cuschieri jikkontesta l-mod ta' kif Varisco ssuġġerixxa li tinbena din is-sistema filosofika (Cuschieri. "A proposito" 209).

## Għeluq

Fil-qasam letterarju Malti, il-Professur Cuschieri mhuwiex biss "il-poeta tal-Madonna u tal-kelma Maltija" – titlu li jiddeskrivih tajjeb meta wieħed jaqra x-xogħlijiet poetiċi tiegħu – iżda huwa wkoll il-letterat-filosfu li għaraf jorbot flimkien iż-żewġ oqsma biex b'hekk jista'jitqies bħala estetista Malti tal-bidu tas-seklu għoxrin u li għandu sehem importanti fl-istorja tal-estetika letterarja Maltija.

## Biblijografija


Cuschieri, Anastasju. "A proposito di soluzioni e problemi." *Rivista di filosofia neo-scolastica* 7 (Frar 1915). Stampat.

---. "Ancora un pò di programma." *Malta Letteraria*, 1.2 (Ġunju 1904). Stampat.

---. "Di alcune proprietà del genio." *Malta Letteraria*, 2.9, (Jannar 1905). Stampat.

---. "Di alcune proprietà del genio." *Malta Letteraria*, 2.10 (Frar 1905). Stampat.

---. "I pericoli della gioventù nella scienza e letteratura moderna." Orazione per la laurea. Malta: G. Muscat, 1901. Stampat.

---. "Il concetto alla logica.". B.d. MS. Il-Kunvent tal-Karmnu, il-Belt Valletta.

Montebello, Mark F. *Stedina għall-Filosofija Maltija*. San Ġwann: PEG, 1995.

Varisco, Bernardino. "Problemi e soluzioni." *Rivista di filosofia neo-scolastica* 7 (Frar 1915). Stampat.